# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 12/2021

17 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**12.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet avżat li kienet ser tasal ftit tard għal laqgħa. Hija ġiet skużata mil-laqgħa.

**12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku staqsa ref punt (11.1.4 dwal tal-Milied) jekk il-kunsilliera kienux raw id-dwal tal-Milied u x'kienet il-feedback tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din is-sena kien hemm aktar tiżjin mis-sena l-oħra u bħala preżentazzjoni kienet pulita ħafna.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17:19.

12.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 11.2.4 kien iċċekja sabiex naraw jekk kienx hemm fondi abbinati biex jiġi rranġat il-ħajt li kien waqa' fi Ġnien Sir Alexander Ball pero' sfortunatament bħal issa ma kienx hemm skemi. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġab l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex nirranġaw il-ħajt b'direct order minħabba l-periklu li seta' jikkawża jekk ikompli jaqa' l-ħajt. (Data tal-permess)

12.1.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 11.3.3 (clean up) minflok fit-12 ta' Diċembru issa kienet ser issir il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2021.

12.1.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Scavanger kellha tiġi posposta u li issa minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid ma kienx hemm data fissa.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet skużata mil-laqgħa minn 17:28 sa 17:29.

12.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 11.3.11 (soft areas fi Triq il-Kuċċard) fl-aħħar kienu saru mill-Melp u l-Kunsill kien waqqa' l-applikazzjoni mal-ERA fuq l-istess inizjattiva'.

12.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 11.3.13 (tabelli sabiex inaqqsu l-veloċita l-karozzi) kellhom jeħlu żewġ tabelli u qal li dawn kienu għadhom ma sarux. Is-Sindku qal li aħjar imorru fuq il-post sabiex isiru fil-post rikjest.

12.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 11.3.16 il-Bozza qiegħda fi Gnien Dun Karm Vella u mhux Triq il-Biedja. Huwa qal li issa anki l-bozza bin-numru 4 fi Triq Dun Karm Vella kienet inqetgħet.

12.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa ref punt 11.1.5 (ilma fi Triq San Pawl) f'hiex kien wasal il-proġett ta' Triq l-Iskola. Is-Sindku qal li minħabba l-iskola dawn ix-xogħolijiet idealment isiru fis-Sajt.

12.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill kellu jirraporta l-vandaliżmu lill-pulizija. Is-Sindku qal li mhux l-ewwel darba li l-Kunsill kien bagħat sabiex issir solverjanza minħabba Gnien Dun Karm Vella u l-Bandli u li kien qed jittama li meta jibdew il-community police l-affarijiet jitranġaw.

12.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward ref punt 11.3.8 (Gnien Dun Karm Vella) jekk kienx sar xi ħaġa. Is-Sindku qal li dan il-punt kellu jiġiu diskuss aktar tard.

12.1.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward t-tabella bl-isem taċ-Ċentru tad-Dimentia. Is-Sindku qal li t-tabelli kellhom jeħlu fil-viċin.

12.1.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-ħajt tas-sejjieħ li kien waqa fejn il-post tan-nar. Is-Sindku kkonferma li kien avża lis-sid pero' sa issa ma kien sar xejn.

**12.2 Komunikazzjoni Mis-Sindku**

12.2.1 Is-Sindku qal li kien iltaqa mad-Direttur Ġeneral ta' Parks Malta rigward Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega l-proċeduri kif kienu qed jaħdmu Parks Malta u li kienu jixtiequ li l-Kunsill ikun involut kompletament fuq dan il-proġett. Is-Sindku ressaq disinn li kien sar mill-Perit tal-Kunsill xi ħames snin ilu u ssuġerixxa li l-Kunsill jgħaddi dawn l-ideat lil Parks Malta sabiex huma jkollhom idea x'nixtiequ. Il-Kunsill qabel.

12.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva e-mail fejn il-Kunsill qed jintalab sabiex jikkonferma li c-charing pillars fejn il-Kunsill kien għażel kienu għadhom skond ix-xewqa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq l-istess charing points.

12.2.3 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Literacy Agency urew ix-xewqa li jerġgħu jibdew jagħmlu l-lezzjonijiet tal-Literacy u li l-istess lezzjonijiet isiru fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

12.2.4 Is-Sindku qal li r-roundabout tal-Karwija kienet kważi lesta. Huwa għarraf li l-Kunsill kien ser ikollu spiża żgħira tal-planters u l-ħadid. Il-Kunsill qabel.

12.2.5 Is-Sindku qal li kellu talba sabiex issir bozza ġdida f'Misraħ Ħlantun ma pole eżistenti. Il-Kunsill qabel.

12.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn naħa tad-Dipartimet tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qiegħed jingħata ċ-ċans jestendi l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart għas-sena 2022 bl-istess kundizzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma jsibx oġġezzjoni l-kuntrattur, il-Kunsill jestendi l-Kuntratt sal-aħħar tas-sena 2022.

**12.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

12.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li l-Kunsill kien żebagħ il-parking bays fi Triq Qerd in-Naħal li tant qiegħdin żgħar li qed nostakulaw persuna milli jkun jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa minn 18:52 sa 18:57

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minn erbgħa parkeġġi għandhom jiġu tlieta kbar u parkeġġ minnhom għal mutur.

12.3.2 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li jsir l-manutenzjoni tal-arbli li għandna fuq il-bejt.

12.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla għarrfet lill-Kunsilliera li l-weekend ta' wara kienu ser isiru żewġ attivitajiet, is-Sibt il-wasla ta' Santa Claws u l-Ħadd Clean up fis-1:00pm

12.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsillier li nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar 2022, kien ser ikun hawn il-Blood Donation Unit fil-pjazza.

12.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha x-xewqa li torganizza xi ħaġa addata għat tfal pero' iż-żmien bħal issa ma kienx jagħmillek kuraġġ.

12.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif kien baqa' l-Kunsill rigward il-bankina fi Triq l-Iskola. Is-Sindku qal li l-Kunsill jitkellem ma Transport Malta u sid id-dar għandu jitkellem mar-residenti bis-suġġeriment tiegħu u jekk jaqblu l-ġirien il-Kunsill jitlob għall-approval ta' Transport Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Francis kien skużat mil-laqgħa 19:06 u rritorna 19:09.

12.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ressaq l-aħħar update ta' Slow Streets bl-emendi li kien għamel il-Perit. Il-kunsill iddiskuta u qabel mal-proposti u li għandna ninfurmaw il-Perit sabiex jibdew it-taħdidiet uffiċċjali ma *Transport Malta*.

12.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien tkellem mal-kumitat tal-każin rigward il-pjanċier sabiex il-kunsill ikollu l-qisien eżatti sabiex il-Perit ikun jista' jiddisinja l-pjazza tar-raħal. Il-Kunsillier Mark Cocker qal li l-kumitat kienu qalulu li fil-pjazza kien hemm it-toqob diġa' u għalhekk il-Kunsill seta' jieħu l-qisien minn hemm. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra uffiċċjali lill-Każin sabiex dawn jiprovdu l-qisien uffiċċjali biex ma jkunx hemm disgwit.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet skużata mil-laqgħa 19:34 u rritornat 19:37

12.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla reġa' fakkar lill-Kunsill li għandhom isiru żewġ slow signs fejn il-post tan-nar.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq San Pawl kien hemm tappiera tħabbat. Is-Sindku kkonferma li Infrastructure malta kienu nfurmati dwar dan l-ilment.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm tabelli rigward it-tempju tax-xarolla mdawra sabiex jirranġawha l-ħaddiema.

12.4 **Rapporti**

**Approvazzjoni tat-Tielet Kwart tal-Financial Report 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet t-tielet kwart tal-Quarterly Financial Statements Q3 (Jannar – Settembru, 2021. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

**Approvazzjoni risposta għall-Management Letter 2020**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi kienet qiegħda tippreżenta r-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Management Letter sabiex tintbaghat lil N.A.O.

**12.5 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

**12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

10.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.00pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, 2022, fil-4.00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |